

**Emenda 438/rev1**

**Massimiliano Salini, Isabella Adinolfi, Matteo Adinolfi, Pablo Arias Echeverría, Pascal Arimont, Traian Băsescu, Isabel Benjumea Benjumea, Anna Bonfrisco, Marco Campomenosi, Maria da Graça Carvalho, Massimo Casanova, Susanna Ceccardi, Lara Comi, Rosanna Conte, Gianantonio Da Re, Arnaud Danjean, Nicola Danti, Paolo De Castro, Salvatore De Meo, Francesca Donato, Rosa Estaràs Ferragut, Gheorghe Falcă, Giuseppe Ferrandino, Gianna Gancia, Matteo Gazzini, Paola Ghidoni, Valentino Grant, Radan Kanev, Danilo Oscar Lancini, Elena Lizzi, Antonio López-Istúriz White, Marian-Jean Marinescu, Gabriel Mato, Dolors Montserrat, Alessandra Moretti, Alessandra Mussolini, Alessandro Panza, Francesca Peppucci, Pilar del Castillo Vera, Nicola Procaccini, Maria Veronica Rossi, Anne Sander, Silvia Sardone, Christine Schneider, Annalisa Tardino, Patrizia Toia, Eugen Tomac, Edina Tóth, Isabella Tovaglieri, Sabine Verheyen, Lucia Vuolo, Stefania Zambelli, Javier Zarzalejos, Juan Ignacio Zoido Álvarez, Vasile Blaga, Ioan-Rareș Bogdan, Daniel Buda, Cristian-Silviu Bușoi, Mircea-Gheorghe Hava, Dan-Ștefan Motreanu, Siegfried Mureșan, Gheorghe-Vlad Nistor, Loránt Vincze, Iuliu Winkler, Norbert Lins, Fulvio Martusciello, Tomáš Zdechovský, Pietro Fiocchi, Elisabetta De Blasis, Vincenzo Sofo, Carlo Fidanza, Sergio Berlato, Raffaele Stancanelli, Ladislav Ilčić, Denis Nesci, Chiara Gemma, Giuseppe Milazzo, Andrey Slabakov, Angel Dzhambazki, Waldemar Tomaszewski, Margarita de la Pisa Carrión, Ryszard Antoni Legutko, Stelios Kypouropoulos, Mercedes Bresso, Christian Doleschal, Jean-Paul Garraud, Monika Hohlmeier, Eric Minardi, Aurélia Beigneux, Marie Dauchy**

**Rapport****A9-0319/2023****Frédérique Ries**

L-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ  
(COM(2022)0677 – C9-0400/2022 – 2022/0396(COD))

**Proposta għal regolament****Premessa 40***Test propost mill-Kummissjoni**Emenda*

(40) L-imballaġġ jenħtieġ li jkun iddisinjat b'tali mod li jimminimizza l-volum u l-piż tiegħu filwaqt li jżomm il-ħila tiegħu li jwettaq il-funzjonijiet tal-imballaġġ. Il-manifattur tal-imballaġġ jenħtieġ li jivvaluta l-imballaġġ skont il-kriterji ta' prestazzjoni, kif elenkati fl-Anness IV ta' dan ir-Regolament. Fid-dawl tal-obnettiv ta' dan ir-Regolament li jitnaqqas l-imballaġġ u titnaqqas il-ġenerazzjoni tal-iskart mill-imballaġġ u li tittejjeb iċ-ċirkolarità tal-imballaġġ fis-suq intern, huwa xieraq li l-kriterji eżistenti jiġu speċifikati ulterjorment u li dawn isiru

(40) L-imballaġġ jenħtieġ li jkun iddisinjat b'tali mod li jimminimizza l-volum u l-piż tiegħu filwaqt li jżomm il-ħila tiegħu li jwettaq il-funzjonijiet tal-imballaġġ **u l-iskop tal-prodott**. Il-manifattur tal-imballaġġ jenħtieġ li jivvaluta l-imballaġġ skont il-kriterji ta' prestazzjoni, kif elenkati fl-Anness IV ta' dan ir-Regolament. Fid-dawl tal-obnettiv ta' dan ir-Regolament li jitnaqqas l-imballaġġ u titnaqqas il-ġenerazzjoni tal-iskart mill-imballaġġ u li tittejjeb iċ-ċirkolarità tal-imballaġġ fis-suq intern, huwa xieraq li l-kriterji eżistenti jiġu

aktar stretti. Għalhekk, jenħtieġ li l-lista tal-kriterji tal-prestazzjoni tal-imballaġġ, kif elenkati fl-istandard armonizzat eżistenti EN 13428:2000<sup>57</sup>, tiġi mmodifikata. Filwaqt li l-kummerċjalizzazzjoni u l-aċċettazzjoni tal-konsumatur jibqgħu rilevanti għad-disinn tal-imballaġġ, jenħtieġ li dawn ma jkunux parti minn kriterji ta' prestazzjoni li waħedhom jiġġustifikaw il-piż u l-volum tal-imballaġġ addizzjonali tagħhom stess. Madankollu, dan jenħtieġ li ma jikkompromettix l-ispeċifikazzjonijiet tal-prodott għall-prodotti tas-sengħa u industrijali u għall-prodotti tal-ikel u agrikoli li huma rreġistrati u protetti skont l-iskema ta' protezzjoni tal-indikazzjoni ġeografika tal-UE, bħala parti mill-objettiv tal-Unjoni li tipproteġi l-wirt kulturali u l-għarfien tradizzjonali. Min-naħa l-oħra, ir-riċiklabbiltà, l-użu ta' kontenut riċiklat, u l-użu mill-ġdid jistgħu jiġġustifikaw il-piż jew il-volum addizzjonali tal-imballaġġ, u jenħtieġ li jiżiedu mal-kriterji ta' prestazzjoni. Jenħtieġ li l-imballaġġ b'saffi doppji, b'qigħan foloz u b'karatteristiċi oħra mmirati biss biex iżidu l-volum perċepit tal-prodott ma jitqiegħedx fis-suq, peress li ma jissodisfax ir-rekwiżit għall-minimizzazzjoni tal-imballaġġ. L-istess regola jenħtieġ li tapplika għall-imballaġġ żejjed mhux meħtieġ biex tiġi żgurata l-funzjonalità tal-imballaġġ.

---

<sup>57</sup> Imballaġġ – Rekwiżiti speċifiċi għall-manifattura u għall-kompożizzjoni – Prevenzjoni skont it-tnaqqis fis-sors.

speċifikati ulterjorment u li dawn isiru aktar stretti. Għalhekk, jenħtieġ li l-lista tal-kriterji tal-prestazzjoni tal-imballaġġ, kif elenkati fl-istandard armonizzat eżistenti EN 13428:2000<sup>57</sup>, tiġi mmodifikata. Filwaqt li l-kummerċjalizzazzjoni u l-aċċettazzjoni tal-konsumatur jibqgħu rilevanti għad-disinn tal-imballaġġ, jenħtieġ li dawn ma jkunux parti minn kriterji ta' prestazzjoni li waħedhom jiġġustifikaw il-piż u l-volum tal-imballaġġ addizzjonali tagħhom stess. Madankollu, dan jenħtieġ li ma jikkompromettix l-ispeċifikazzjonijiet tal-prodott għall-prodotti tas-sengħa u industrijali u għall-prodotti tal-ikel u agrikoli li huma rreġistrati u protetti skont l-iskema ta' protezzjoni tal-indikazzjoni ġeografika tal-UE, bħala parti mill-objettiv tal-Unjoni li tipproteġi l-wirt kulturali u l-għarfien tradizzjonali, ***jew id-disinn tal-imballaġġ li huwa soġġett għal protezzjoni legali skont id-drittijiet tal-proprjetà intellettwali koperti mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 6/2002***. Min-naħa l-oħra, ir-riċiklabbiltà, l-użu ta' kontenut riċiklat, u l-użu mill-ġdid jistgħu jiġġustifikaw il-piż jew il-volum addizzjonali tal-imballaġġ, u jenħtieġ li jiżiedu mal-kriterji ta' prestazzjoni. Jenħtieġ li l-imballaġġ b'saffi doppji, b'qigħan foloz u b'karatteristiċi oħra mmirati biss biex iżidu l-volum perċepit tal-prodott ma jitqiegħedx fis-suq, peress li ma jissodisfax ir-rekwiżit għall-minimizzazzjoni tal-imballaġġ. L-istess regola jenħtieġ li tapplika għall-imballaġġ żejjed mhux meħtieġ biex tiġi żgurata l-funzjonalità tal-imballaġġ ***jew għall-iskop tal-prodott***.

---

<sup>57</sup> Imballaġġ – Rekwiżiti speċifiċi għall-manifattura u għall-kompożizzjoni – Prevenzjoni skont it-tnaqqis fis-sors.

Or. en